

# BORMLIŻI LI GĦAMLU ISEM

**Kitba ta' Joseph Massa**

## MAESTRO PAOLINO VASSALLO 1856 -1923

Paolino Vassallo twieled ġewwa Bormla fl-24 ta' Lulju, 1856. Studja l-mużika u l-vjolin taħt id-direzzjoni ta' Domenico Amore, Rev. A. Fenech u Mro. Spiteri Fremond. F'1876 mar jistudja l-mużika fil-konservatorju ta' Pariġi, Franza, taħt Giraud, Massenet u Gounod. Ġo Pariġi laħaq 'violino di spalla' u wara mexxa u ddirieġa l-famuża 'Opera Comigue' ta' Pariġi. Ġo Pariġi mexxa wkoll l-orkestra Lemoureux. Meta ġie lura Malta fetaħ skola tal-mużika. fl-1902 laħaq 'Maestro di Cappella' fejn idderieġa bosta xogħlijiet mużikali ġol-Katidral ta' l-Imdina u l-Belt Valletta. fl-1896 ġot-Teatro Reale ta' Malta mexxa x-xogħlijiet tiegħu 'Amore Fatale', u fl-1905 'Susanna'. Fl-1920 mexxa xogħol ieħor tiegħu, 'Edith Cavell'. Mro. Paolino Vassallo kien wieħed mis-Surmastrijiet kbar li dderieġew lill-Banda Cospicuana u l-Każin tal-Banda u l-Pjazza prinċipali ta' Bormla msemmija għalih.

Paolino Vassallo miet fit-30 ta' Jannar, 1923 u ndifen fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata.

## MONS. LUDOVICO MIFSUD TOMMASI 1796 - 1879

Ludovico Mifsud Tommasi twieled Bormla f' l- 1796. Wara li ggradwa fl-Universita' ta' Malta, fil-21 ta' Marzu 1821 sar qassis mill-Isqof Ferdinand Mattei. Fl-1828 irregala lill-Kolleġġjata ta' Bormla l-Pittura Titolari ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Dan kien ġie mpitter minn Caruana P.P. (1794 - 1852) li kien mill-Belt. Il-Kwadru ġie nkurunat mill-Kardinal Domenico Ferrata fil-25 ta' Ġunju 1905. Wara li serva għal seba' snin bħala Kanonku ġo Bormla ġie innominat mill-Papa Piju VIII, fit-8 ta' Ġunju 1829, biex ikun l-ewwel Arċipriet tal-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. wara nuqqas ta' ftehim ma' l-Isqof lokali dan ma seħħx u ġie ofrut minflok li jsir Arċipriet tal-katidral, li hu m' aċċettax. Fil-1858 reġa sar Kanonku fil-Kolleġjata tal-Knisja ta' Bormla. Kien ukoll fetaħ skola fil-Belt Valletta għat-tagħlim tal-Malti. Kiteb ukoll kotba reliġjużi bil-Malti, bħat-talba u "Kurunelli" li hu kiteb biex igħallem lill-poplu. Fil-kwadru tejoloġiku li rregala lill-Parroċċa ħalla wirt imprezzabbli lill-Bormliżi kollha.

Mons. Tommasi miet fit-23 t' Ottubru 1879 u ġie midfun fl-Addolorata.

## DR. GIUSEPPE DEMARCO 1712 - 1789

Dr. Giuseppe Demarco twieled Bormla fl-1712. Fl-iskola dejjem iddistingwa ruħu fil-Latin, Meta laħaq tabib kiteb ħafna mix-xogħlijiet tiegħu fuq il-mediċina. Wara li studja l-mediċina f'Malta kompla l-istudji tiegħu f'Muntipellier u ġo Franza, fejn it-teżi tiegħu fuq il-psikoloġija sena wara ġew ippublikati. Meta ġie lura Malta mar jogħqod l-Isla fejn kompla ix-xogħlijiet tiegħu fuq il-mediċina, fosthom 'Tractatus De Morbis Pectoris' fl-1743 fost il-mard li ħakem Malta fi żmienu. Hu studja kemm il-Kolera f'1745, il-Pesta fl-1764, u l-Ġidri r-Riħ fl-1763, 1769 u 1780. Dr. Demarco għandu l-unur li jista' jikklama l-unur ta' l-ewwel ta' epidemiologija f'Malta. Fl-1788 mar Tripli fejn kompla l-istudji tiegħu fuq aktar mard.

Demarco miet fil-Belt Valletta fl-1789 u ġie midfun ġol-knisja parrokkjali ta' Bormla.

## DR. GIOV. FELICE INGLOTT 1848 - 1919

Dr. Gian Felice Inglott kif kienu jsibuh, twieled ġo Bormla fl-1848, iben Dr. Paolo Inglott u Rosa Bartolani. Minn mindu kien żgħir dejjem kien juri x-xewqa lejn il-mediċina. Wara li spiċċa l-Universita' daħal bħala uffiċjal mediku mal-gvern fejn l-ewwel beda jservi ġo Ħaż-Żabbar u wara ġol-Kottonera. Fl -1911 mar Messina biex jgħin il-vittmi tat-terrimot, u fl-ewwel gwerra dinjija kien wieħed mit-tobba li kkura l-feruti li ġew minn Servia u d-Dardanellu. Dr. G. Felice Inglott kien miż-żewweġ lin-neputija ta' Mgr. Ludovico Mifsud Tommasi. Fost ix-xogħolijiet ta' kitba nsibu "l' Aborto Ostitrico" fl-1880 u "La Morte Apparente". Fl-1901 kien għamel konferenza fuq il-mewt ta' Giuseppe Verdi. Kien jikteb ukoll f'diversi gazzetti fosthom ir-Risorgimento, Corriere Mercantile, 'Gazzetta di Malta' u 'Malta Herald'. Kien ukoll rappreżentant tal-Partit Popolare fejn baqa' jattendi l-Assemblea Nazzjonali taħt it-tmexxija ta' Sir Filippo Sciberras. Dr. G. Felice Inglott kien wieħed mill-presidenti tal-Filarmonika Cospicuana San Ġorġ. Meta kien President bejn l-1912 u l-1915 sar il-Kungress Ewkaristiku li tiegħu kien magħżul membru fil-Kumitat organizzattiv.

Dr. Inglott miet fl-14 ta' Lulju 1919.

## DR. CARMELO MIFSUD BONNICI 1897 - 1948

Dr. Carmelo Mifsud Bonnici twieled ġo Bormla fid-9 ta' Mejju 1897. Hu ggradwa fil-liġi mir-Royal Universty ta' Malta, fejn bħala President tal-'Comitato Permanente Universitario' kien responsabbli għall-istrajk ta' l-istudenti f'Mejju 1918. Fl-1922 ingħaqad mal-Partito Democratico Nazionalista fejn sar membru fil-legislativa ta' l-Assemblea fl-1923. Dr. Mifsud Bonnici kkontesta għar-raba' distrett f'1924, 1927 u 1932 fejn dejjem ġie elett. Hu serva bħala Ministru tat-Teżor u tal-Pulizija bejn 1926 u l-1927 u mill-1932 sa' l-1933. Kien wieħed minn dawk li għen għall-l-għaqda bejn l-'Unione Politica Maltese' u l-'Partito Democratico Nazionalista', li wara sar magħruf bħala l-'Partit Nazzjonalista'. Hu kien ukoll l-ewwel segretarju ġenerali tal-Partit. Bejn l-1936 u l-1939 kien membru tal-kunsill Eżekuttiv. Kien direttur tal-gazzetta 'Patria Nazzjon' u 'Voce Del Popolo' li tagħha dan kien il-fundatur. Waqqaf ukoll il-gazzetta 'Mid-Day Views', 'Mid-Day News' u 'il-Popolo'. Fl-1938 sar Professur ta' l-istorja tal-legislazzjoni u fl-1949 sar Professur tal-liġi Kriminali tar-'Royal University of Malta'. Fost ix-xogħlijiet ta' kitba nsibu 'Dal Mio Cuore al Mondo' fl-1938 u 'Corporatissimo Maltese Mediovale' fl-1937.

Dr. Carmelo Mifsud Bonnici magħruf bħala 'Il-Gross' kien popolari ferm u okkupa l-kariga ta' Segretarju fil-Kumitat tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla. Wara sar ukoll President fl-1930 u dam jokkupa din il-kariga sa' l-1946. Kien sturmentali biex jiġi organizzat il-Karnival tal-Kottonera fis-snin 30 li kien tassew mistenni mill-poplu. Huwa kien jieħu sehem attiv fil-ħajja soċjali u ċivika ta' beltna.

Dr. Mifsud Bonnici miet fid-29 ta' Awissu 1948.